MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2015

Numru. 550/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Keithien Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 550/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Keithien Borg ta' 19 -il sena bin Joseph Borg u Anna xebba Galea, imwieled gewwa l-Pieta' nhar it-08 ta' Dicembru, 1995, u residenti gewwa 6, Okella Agius, triq Hal-Qormi, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0530795(M).

Akkuzat talli matul il-lejl ta' bejn it-18 u id-19 ta' Gunju, 2015:

1. b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda bil-ħsieb li tagħmel delitt li ma ġiex ezegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill- volonta tiegħu, ta` bidu għall- ezekkuzjoni sabiex jikkommetti serq mill- fond 89, Energy Projects, Triq il-Kanun Santa Venera liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin u bil-valur;

2. b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2500) izda tiskorri il- mitejn u hamsin ewro (€250) u dan ġewwa l-fond 89, Energy Projects, Triq il- Kanun Santa Venera u għad-dannu ta` Rita Falzon detentrici tal- karta tal- identita` bin-numru 259565M;

3. u aktar talli fl-istess dati, lok, hin u ċirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija lilu fit-13 ta' Mejju, 2015 mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Maġistrat Dr. A. Bugeja LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

4. u aktar talli fl-istess dati, lok, hin u ċirkostanzi ikkommetta reati waqt sentenza ta liberazzjoni kondizzjonata u Probation ghal zmien tlett snin b'sentenza moghtija fis-6 ta' Ottubru, 2014 mil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar recediv ai termini ta' l-Artikli 49, 50 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semeght it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-eta ta' l-imputat.

Illi dwar il-piena l-Qorti ma tistax ma tosservax li ghalkemm l-imputat ghad ghandu dsatax il-sena l-imputat diga inghataw sebgha sentenzi fil-konfront

tieghu u l-Qorti trattat mieghu b'diversi modi inkluz billi poggietu taht ordni ta' probation. Jidher li sa' llum l-opportunitajiet li l-Qorti tat lill-imputat minn zmien ghal zmien ma wasslu mkien u jidher li l-imputat ghadu jahseb li jista' jaghmel li jrid. Il-Qorti hija tal-fehma li l-unika mod kif tista' titratta ma'l-imputat huwa billi timponi piena karcerarja effettiva. Il-Qorti pero hija disposta taghti lill-imputat l-ahhar opportunita billi ma titrattax mieghu ghar-reati li dwarhom kien instab hati u tpogga jew taht probation jew inghata liberta kundizzjonata b'tama li l-perjodu ta' inkarcerazzjoni impost ghar-reati odjerni huwa sufficjenti biex l-imputat jitghallem li jehtieg li jirriabilita lilu nnifsu, u b'l-ghan li meta jiskonta l-piena karceraja imposta permezz tas-sentenza odjerna huwa jkollu l-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation gia assenjat lilu biex ikompli jghinu fit-triq tar-riabilitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah disgha xhur prigunerija. In oltre qed taghzel li ma titrattax ma'l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati f'l-10 ta' Ottubru 2012, fis-6 ta' Ottubru 2014, u fit-13 ta' Mejju, 2015 u ghalihom jew inghata liberta kundizzjonata jew tpogga taht ordni ta' probation. Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha biex ikun jista' jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------